Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Numru 355/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Grech**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Grech (bin George u Catherine nee Borg, imwieled fit-18 ta' Mejju 1959, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 334459M) talli fil-kapacita` tieghu ta' detentur tal-licenzja Sunscope Travel (TRA/R13) fit-13 ta' Mejju 2009 organizza jew ippermetta li tigi organizzata gita (Gozo Special) fit-Tempji tal-Ggantija u nhawi ohra f'Ghawdex minghajr ma pprovda s-servizzi ta' gwida tat-turisti licenzjata, u dan bi ksur tal-Artikolu 34(b) tal-Kap. 409 u r-regolament 5(4) tal-Avviz Legali 129/2002;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta' Settembru 2009 li permezz taghha dik il-qorti sabet

lill-imsemmi Mario Grech hati skond l-imsemmija imputazzjoni u kkundannatu (anke wara li rat l-Artikolu 43(2) tal-imsemmi Kap. 409) multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200);

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Mario Grech, minnu pprezentat fit-8 ta' Ottubru 2009 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma taghha;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza (izda mhux ir-risposta tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu 2010 peress li din giet prezentata minghajr il-*visto* ta' Dott. Jean Carl Farrugia, kif kienet ordnat il-Qorti fl-udjenza tad-9 ta' Frar 2010 – ara l-verbal ta' dik l-udjenza; fil-fatt fl-udjenza tal-lum il-Qorti ordnat l-isfilz tal-imsemmija risposta bid-dokumenti maghha); semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel wiehed huwa ta' natura prettament legali. Huwa jikkontendi, bazikament, illi galadarba l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta ma pprocedietx skond l-Artikolu 41 tal-istess Kap. 409, il-Qorti tal-Magistrati ma kienitx kompetenti li tisma' u tiddecidi dwar l-imputazzjoni odjerna. Fil-fatt l-appellant, allura imputat, kien issolleva l-istess eccezzjoni quddiem il-Qorti Inferjuri izda din kienet giet respinta.

**6.** Wara li din il-Qorti ezaminat id-disposizzjonijiet kollha relevanti, ma tistax hlief tikkonkludi li dina l-eccezzjoni u, kwindi, anke dana l-ewwel aggravju huma infondati. Huwa minnu li l-Artikolu 41 tal-Kap. 409 – li, tajjeb li jinghad, jinsab fit-taqsima VII tal-ligi in kwistjoni, mentri d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-procedimenti fil-Qorti jinsabu fit-Taqsima VIII – jimponi obbligu fuq l-imsemmija Awtorita` li tenforza l-ligi u tassigura l-osservanza taghhom permezz ta' avvizi ta' infurzar u avvizi ohra, izda dana l-obbligu, jew in-nuqqas tat-twettiq tieghu, ma jzid jew inaqqas xejn fir-rigward tar-reati li talvolta jistghu jigu kommessi kemm taht l-istess Kap. 409 jew taht ir-regolamenti maghmula taht l-istess ligi principali, jew fir-rigward tal-procedibilita` dwar dawn ir-reati quddiem il-

Qorti tal-Magistrati, hlief fis-sens li (kif jirrizulta mill-Artikolu 43(1)(c)) n-nuqqas ta' ottemperanza minn dak li jkun ma' avviz ta' infurzar jew avviz iehor taht l-Art. 41 jammonta ghal reat indipendentement minn reati ohra. Ir-reati kontemplati fil-Kap. 409 huma procedibbli *ex officio* u ma jirrikjedux il-kwerela tal-Awtorita` -- ghalkemm bhala fatt ikun difficli hafna li l-Pulizija Ezekuttiva tkun taf li sehh reat taht din il-ligi jew taht ir-regolamenti maghmula tahtha, u fil-prattika l-Pulizija Ezekuttiva tipprocedi wara li tkun irceviet rapport jew kwerela mill-Awtorita`[1]. Kienet tkun differenti l-posizzjoni li kieku l-Awtorita` pprocediet ghal penali amministrattiva skond l-Artikolu 45, u l-imposizzjoni ta' dik il-penali amministrattiva tkun giet accettata u l-passi rimedjali mehuda mill-persuna li l-istess Awtorita` jkun jidhrilha li tkun ikkommettiet reat – f'dak il-kaz il-paragrafu (c) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 45 jipprovdi espressament li "ebda procedimenti ohra ma jkunu jistghu jittiehdu kontra dik il-persuna dwar l-istess fatti". Fi kliem iehor ikun hemm divjet ghal procedimenti penali (dejjem dwar l-istess fatti). F'dan il-kaz, l-appellant mhux qed jinvoka l-Artikolu 45, izda qed jilmenta mill-fatt li l-Awtorita` naqset mill-obbligu taghha skond l-Artikolu 41 li tenforza l-ligi bil-hrug tal-appoziti avvizi ta' infurzar jew avvizi ohra. Dan in-nuqqas jista` jkollu konsegwenzi ohra, pero` ma jistax ikun ta' ostakolu ghall-proceduri penali odjerni. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**7.** It-tieni aggravju hu fis-sens li hu ma kellux jinstab hati kif effettivament instab peress li dak li pprovda kien semplicement trasport. Huwa jibbaza dana l-aggravju fuq id-definizzjoni ta' "gita organizzata" fl-Artikolu 2 tal-Kap. 409 li espressament teskludi "servizz li jkun unikament intiz biex jipprovdi trasport":

*"gita organizzata" tfisser kull gita organizzata jew* tour *ghal hames jew aktar turisti jew persuni ohra lejn wiehed jew aktar postijiet f'Malta jew madwarha jew trasport, izda ma tinkludix servizz li jkun unikament intiz biex jipprovdi trasport…*

---

[1] Ara, b'analogija, ir-reati kontemplati fil-paragrafi (*z*) u (*ll*) tal-Artikolu 338 tal-Kap. 9.

Biex wiehed jifhem il-kliem “jew trasport”, tajjeb li jigi riprodott it-test Ingliz, ghax huwa evidenti li d-definizzjoni bil-Malti hija traduzzjoni wisq litterali (biex wiehed jghid mill-anqas) tad-definizzjoni “organised excursion” fit-test Ingliz tal-ligi:

*“organised excursion” means any organised excursion or tour for five or more tourists or other persons to one or more places in or around Malta or transport but excludes any service intended solely to provide transport…*

Mela, apparti n-numru ta’ nies u d-destinazzjoni f’Malta jew madwarha, ikun hemm gita organizzata jekk ikun hemm “organized excursion” jew “organized tour” jew “organized transport”. Il-karatteristika li taghmel gita kif fuq deskritt hija l-“organizzazzjoni”, fis-sens ta’ gita, *tour* jew trasport predeterminati minn min qed jipprovdi s-servizz u, f’dak is-sens allura, “organizzati”. Id-definizzjoni hija intiza biex teskludi servizz, bhal ta’ *taxi* jew kiri ta’ karozzi jew uzu ta’ mezzi ta’ trasport pubbliku fejn wiehed semplicement jikri vettura biex imur minn post ghal iehor jew anke f’diversi postijiet, pero` fuq ghazla specifika, ghal dik li hi lokalita`, ta’ min jitlob is-servizz. Fil-kaz tal-uzu tat-trasport pubbliku huwa minnu li r-rotot huma pre-stabbiliti, u persuna tista’ effettivament torganizza gita jew tour anke billi taghmel uzu mit-trasport pubbliku; izda f’dak il-kaz l-operatur tal-gita organizzata ma jkunx jinkludi s-sewwieq tax-xarabank li hadem ir-rotta, izda min ikun qed “jorganizza” il-kumplament.

**8.** Issa, fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju mill-kumpless tal-provi li hawn si trattava ta’ gita organizzata mill-appellant, anzi, biex wiehed ikun aktar specifiku, il-gita reklamata bhala “Gozo Special” – ara d-dokumenti a fol. 10, 22, 23, 24, 25 u 26. Mill-provi, infatti, jikkonkorru l-elementi kollha ta’ “organised excursion”, u jirrizulta wkoll li ma kienx gie provdut servizz ta’ gwida tat-turisti. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju hu infondat.

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------